**21 ta' Mejju, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo. O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Caterina Borg et.

*versus*

Carmelo Fino

**Kompetenza — Kummerċjant — Atti ta' Kummerċ — Retratt — Spejjeż Rimborżabbli lir-Retrattarju — Art. 4, 5, 639 u 640 tal-Kodiċi tal-Kummerċ — Art. 37 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.**

*F'materja ta' kompetenza, avvolja l-konvenut ikun kummerċjant, dejjem irid jiġi ndagat jekk l-oġġett tal-kontroversja partikulari huwiex, ċjo non ostante, purament ċivili. Kwantu għall-attur, ankorkè l-oġġett tal-kontroversja hu għalieh ta' natura kummerċjali, dan ma jġibx il-kompetenza kummerċjali, jekk l-att mhuwiex ta' indoli kummerċjali għall-konvenut.*

*L-irkupru mhuwiex att per sè kummerċjali, bħal ma huma l-operazzjonijiet bankarji jew kambjarji; u billi l-kwistjoni dwar l-ammont tal-ispejjeż rimborżabbli lir-retrattarju hija aċċessorja għall-kwistjoni prinċipali tal-irkupru, anki kwistjoni dwar dawn l-ispejjeż mhix ta' natura kummerċjali, għax issegwi l-affari prinċipali, li hu l-irkupru.*

*Għaldaqstant, jekk kummerċjant jixtri fond u jirkuprawhulu, u tqum kwistjoni dwar l-ammont tal-ispejjeż rimborżabbli lilu minħabba dak l-irkupru, kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża biex jiġi stabbilit l-ammont ta' dawn l-ispejjeż, promossa kontra r-retrattarju, hija l-Qorti Ċivili, avvolja l-konvenut huwa kummerċjant, jekk l-eżerċizzju tal-irkupru kontra tiegħu ma kienx, għalieh, att tal-kummerċ.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'

Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni opportuna, u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti li jkun hemm bżonn; peress illi l-attriċi, b'ċedola tat-8 ta' Frar 1961, irkuprat minn għand il-konvenut Fino biċċa art fabbrikabbli l-Imsida tal-kejl ta' tliettax il-qasba kwadra, tmiss mit-tramuntana ma' Gwardamanġa Hill, mill-punent ma' beni ta' Joseph Portelli, mil-Lvant ma' beni ta' Louis Cassar, suġġetta għal 12s. ċens annwu perpetwu, u ddepożitat is-somma ta' £220. 3. 0d kwantu għal £220 prezz tax-xiri, li sar fl-atti J. Brincat tal-10 ta' Diċembru 1960, u kwantu l-bqija għal senserija, spejjeż tal-att u mgħax; u peress illi b'ittra uffiċjali tas-6 ta' April 1961 il-konvenut u Louis Cassar intimaw lill-attriċi biex tkun taf li baqgħalha tiddepożita £459. 9. 11d, kwantu għal £403. .4d dovuti lill-A.I.C. Joseph Mallia, u l-bqija għall-onorarju u spejjeż notarili, ittri uffiċjali, senseriji, u onorarju tal-konsult għar-rivendizzjoni; u peress illi in segwitu għall-istess ittra uffiċjali l-attriċi reġgħet iddepożitat favur il-konvenut is-somma ta' £250. 9. 3d, kwantu għal £201. 15. 8d għal nofs id-drittijiet u spejjeż pretiżi mill-perit Joseph Mallia, u l-bqija għas-saldu ta' spejjeż imsemmija fl-istess ittra uffiċjali u dovuti lill-konvenut (ara ċedola taż-17 ta' April 1961); u peress illi s-somma pretiża għal senserija, spejjeż notarili u spejjeż peritali, huma eżaġerati, u mhux dovuti fl-ammont pretiż; jitolbu illi jiġu likwidati fl-ammont tagħhom ġust il-partiti ta' spiża reklamata mill-konvenut bl-imsemmija ittra uffiċjali tas-6 ta' April 1961, ad eċċezzjoni tas-somma ta' £2. 12. 0d għall-ittri uffiċjali u ta' £7. 10. 0d għall-onorarju tal-konsult (liema żewġ partiti ma humiex kontestati), billi jiġi dikjarat illi nonostanti d-depożitu magħmul mill-attriċi biċ-ċedola taż-17 ta' April 1961, il-veru ammont dovut mill-attriċi huwa dak inferjuri li jiġi likwidat. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' April 1962, li biha laqgħet l-istess eċċezzjoni u ddikjarat ruħha nkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-atturi. Dik il-Qorti kkunsidrat, rigward l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tagħha sollevata mill-konvenut;

Illi mill-provi jirriżulta li l-konvenut huwa mastrudaxxa, jagħmel l-għamara u jbigħha, ilu f'dan in-negozju xi tletin sena, minn xi sitt snin ilu huwa estenda n-negozju, u beda jimporta mill-esteru għamara, lostru, ħadid, u oġġetti oħra inerenti għall-fabbrikazzjoni tal-għamara. Jirriżulta wkoll li minn xi għaxar snin ilu l-konvenut kemm il-darba akkwista, waħdu jew ma' ħadd ieħor, xi biċċa art għall-iskop ta' spekulazzjoni; u, kif xehed, l-art li ġiet ir-kuprata mill-poter tiegħu da parti tal-attriċi hu kien akkwistaha għal dan il-fini;

Illi mill-fatti premessi jemerġi li l-konvenut huwa kummerċjant, billi jinnegozja fil-fabbrikazzjoni u bejgħ tal-għamara; imma, biex tiġi radikata l-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ, mhux biżżejjed li l-konvenut ikun kummerċjant, jekk l-att stess li jkun għamel ma kienx kummerċjali għalieh; u l-att magħmul mill-konvenut, ċjoè l-akkwist tal-art fuq imsemmija, ma jidħolx fil-ġeneru tal-kummerċ tiegħu issa ndikat. Però, mill-istess fatti jevinċi wkoll li l-akkwist tal-art fabbrikabbli ndikata fiċ-ċitazzjoni, minnu magħmul fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat fl-10 ta' Diċembru 1960, kien in konnessjoni mal-kummerċ tal-konvenut, ċjoè dak ta' xiri u bejgħ mill-ġdid ta' immobili li jsiru minnu bi spekulazzjoni kummerċjali, u kwindi dak l-att kien għalieh kummerċjali. Konsegwentement, l-azzjoni tal-attriċi għal-likwidazzjoni ta' partiti ta' spejjeż reklamati mill-konvenut bħala minnu erogati in konnessjoni ma' dak l-akkwist tidħol fil-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ, billi lill-istess Qorti tmiss kull azzjoni li titnissel minn att li huwa kummerċjali għall-konvenut;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi l-eċċezzjoni fuq imsemmija tirriżulta ġustifikata;

Rat ir-rikors tal-attriċi fol. 53 li bih din talbet li din il-Qorti tal-Appell tiddikjara liema hija l-Qorti kompetenti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Id-dispożizzjonijiet tal-liġi li huma rilevanti għal dan

l-inċident huma l-art. 37 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15) u l-art. 639 u 640 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 17), kif ukoll l-art. 4 u 5 ta' dan l-aħħar Kodiċi;

Il-liġi tuża l-kliem "l-att li fuqu tkun il-kawża" (art. 37(3) Kap. 15); u għalhekk wieħed irid jara ta' liema natura huwa l-att li fuqu tverti din il-kawża;

Jiġi rilevat illi, anki jekk il-konvenut jitqies kummerċjant, billi jiġi ritenut li hu ma hux sempliċi lokatur d'opera jew artiġjan, imma jagħmel spekulazzjoni kummerċjali vera u proprja f'ismu, jibqa' dejjem li jiġi ndagat jekk l-oġġett ta' "din" il-kontroversja huwiex, ċjò non ostante purament ċivili;

Issa, jekk wieħed japprofondixxi n-natura tal-att li fuqu tverti din il-kawża, u l-oġġett preċipwu tagħha, għandu jiġi għall-konklużjoni li dan ma hux l-akkwist, talvolta ta' indoli merkantili, li għamel il-konvenut meta xtara l-art fabbrikabbli "de qua". Dak l-akkwist ma hux affattu in diskussjoni; anzi l-attriċi, bl-irkupru minnha eżerċitat, qegħdha ssostni dak l-akkwist billi trid tissubentra fih minflok il-konvenut. Proprijament, lanqas hu in diskussjoni l-irkupru eżerċitat mill-attriċi; għaliex l-attijiet juru li bl-ittra uffiċjali tiegħu fol. 8 l-konvenut aderixxa għall-irkupru salva l-kwistjoni tal-ispejjeż rimborżabbli mill-attriċi in konnessjoni mal-istess irkupru, u l-meritu tal-kawża jverti appuntu fuq il-punt ta' dawn l-ispejjeż, biex jiġi stabbilit il-"quantum" ġust tagħhom. Iżda, peress li l-kwistjoni tal-ispejjeż hija aċċessorja għall-irkupru, u peress li dak li hu inċidentali jsegwi, kwantu għall-kompetenza, l-affari prinċipali, għalhekk wieħed għandu jqies għall-finijiet tal-kompetenza, ċivili jew kummerċjali, l-att tal-irkupru bħala l-att prinċipali (Kollez. Vol. I, p. 226). Issa, l-irkupru mhuwiex att per sè kummerċjali, bħal ma huma l-operazzjonijiet bankarji jew kambjarji; u għalhekk oġġettivament l-oġġett preċipwu tal-kawża ma hux ta' indoli kummerċjali. Kwantu għall-attriċi, ankorkè għaliha l-att tal-irkupru kien "ex hypothesi" kummerċjali, dan ma jġibx il-kompetenza kummerċjali jekk l-att ma hux ta' indoli kummerċjali għall-konvenut. Issa, kwantu għall-konvenut,

il-Qorti jidhrilha li l-eżerċizzju tal-irkupru kontra tiegħu ma hux, għalieh, att tal-kummerċ;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi, prevja r-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, tiddikjara li din il-kawża hija ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u għalhekk tirrinvija l-attijiet ta' din il-kawża lil dik il-Qorti. L-ispejjeż ta' dan l-inċident, in prima u fit-tieni istanza, atteża x-xorta tal-kwistjoni, jibqgħu bla taxxa; id-dritt tar-Reġistru, però, taż-żewġ istanzi, jibqa' għal-kariku tal-konvenut.